**8 ta' April, 1960**

**Imħallfin :—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Aquilina

*versus*

Paul Monreal

**Kolliżjoni — Danni —"Damnum Emergens" — "Lucrum Cessans" — Appell tat-Terz — Assikurazzjoni — Art. 1088(1) tal-Kodiċi Ċivili — Art. 234 tal-Proċedura Ċivili — Art. 10(2)(a) tal-Kap. 165.**

*F'materja ta' danni kaġunati minn persuna b'karrozza li kienet qegħdha ssuq, il-kumpannija tas-sigurtà li magħha dik il-karrozza kienet assikurata għar-riskji tat-terzi persuni għandha nteress li tappella bħala terz interessat mis-sentenza li tikkundanna lil min kien isuq il-karrozza biex iħallas id-danni lid-danneġġjat. U jekk il-kumpannija kienet ġiet infurmata b'ittra uffiċjali li d-danneġġjat kien ser ifittex għad-danni, dan il-fatt ikompli jassoda l-interess*

*tal-kumpannija li tappella bħala terz interessat; għaliex, bħala effett ta' dik l-intima, is-sentenza mogħtija kontra d-danneġġjant assikurat magħha ssir operattiva fil-konfront tagħha.*

*Jekk id-danneġġjant kundannat għad-danni ikun ippreżenta nota tal-appell u ma jkunx kompla l-appell, mhix eżatta d-dikjarazzjoni tal-kumpannija assikuratriċi li hi tipprevalixxi ruħha minn nota tal-appell li kien għamel id-danneġġjant; għaliex proprjament dak id-dritt, li wieħed jipprevalixxi ruħu minn skrittura ta' litigant ieħor, hu riżervat għall-parti "avversa", mentri l-kumpannija assikuratriċi, appellanti bħala terz interessat, għandha l-istess interess li għandu d-danneġġjant kundannat bis-sentenza appellata. Del resto, dik il-kumpannija ma għandhiex bżonn tipprevalixxi ruħha min nota li kien għamel id-danneġġjant, għax hi tkun għamlet l-appell fuq nota minnha stess preżentata fi żmien utili.*

*Lanqas ma hu proċeduralment korrett id-danneġġjant kundannat bis-sentenza appellata, li għamel in-nota tal-appell mingħajr ma kompliek, meta fir-risposta tiegħu għall-petizzjoni tal-appell tal-kumpannija tas-sigurtà bħala terz interessat huwa jirrimetti ruħu għall-eċċezzjonijiet minnu sottomessi fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti; għax hu ma kompliex l-appell, u għalhekk huwa akkwiexxenti għas-sentenza li kkundannatu, u ma jistgħax jiġi mismugħ jeleva l-kontestazzjoni kontenuta fl-eċċezzjonijiet tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti.*

*Il-liġi tagħti lid-danneġġjat id-dritt ta' kumpens għat-telf effettiv li jkun sofra bl-egħmil tad-danneġġjant, għall-ispejjeż li hu jkun għamel minħabba l-ħsara li ġratlu, u għat-telf ta' paga jew qliegħ ieħor attwali, u għat-telf ta' qliegħ li jkun sejjer ibati l-quddiem minħabba nkapaċità, totali jew parzjali, għal dejjem li ġieblu l-egħmil tal-danneġġjant. Dan ifisser li l-liġi tiddistingwi bejn kumpens ta' qliegħ attwali u kumpens ta' qliegħ futur; u allura, jekk id-danni dwar il-qliegħ futur jiġu likwidati fil-massimu stabbilit mil-liġi ta' £1200, meta d-danni ma jkunux dolużi u volontarji, din is-somma ma għandhiex tikkomprendi d-danni għall-qliegħ attwali, li huma likwidabbli u pagabbli separatament.*

*Ladarba t-talba għad-danni tkun saret mid-danneġġjat kontra d-danneġġjant, u s-sentenza tal-Ewwel Qorti tkun akkordat għad-danni somma globali ta' aktar minn £1200, il-kumpannija tas-siġurtà appellanti ma tistgħax tippretendi illi r-responsabbiltà tagħha, komprizi nteressi u spejjeż, għandha tiġi limitata għas-somma ta' £1200; għax l-istanza hi diretta kontra d-danneġġjant, u s-sentenza appellata nghatat kontra tiegħu, u l-appell għandu jkun ċirkoskritt għall-istanza u għas-sentenza mpunjata; diversament il-Qorti tal-Appell tkun qegħdha virtwalment tippronunzja ruħha fuq punt li ma ġiex deċiż fl-ewwel istanza. Del resto, il-pożizzjoni tal-kumpannija tas-sigurtà, li tirċievi intima uffiċjali ta' proċeduri kontra persuna minnha assikurata, hija stabbilita u ristretta mill-istess liġi dwar ir-riskji tat-terzi persun.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li jippremetti illi l-konvenut, waqt li kien isuq il-motor cycle numru 929 fit-Trieq ta' Marsaxlokk fl-ewwel ta' April 1956, b'nuqqas ta' għaqal, traskuraġni, u non-osservanza tar-regolamenti, ħabat mal-motor cycle numru 10778 u kkaġunalu danni; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, (1) jiġi dikjarat u deċiż minn din il-Qorti li huwa responsabbli għad-danni sofferti minnu in konsegwenza tal-imsemmija kolliżjoni, liema danni għandhom jiġu likwidati minn din il-Qorti, anki jekk hemm bżonn per mezz ta' periti nominandi; (2) il-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti jħallsu s-somma tad-danni li tkun likwidata favur tiegħu skond it-talba preċedenti. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali preżentata kontestwalment, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Diċembru 1959, li biha ddeċediet billi (1) iddikjarat li l-konvenut hu responsabbli għad-danni sofferti mill-attur in konsegwenza tal-kolliżjoni ndikata fiċ-ċitazzjoni, u llikwidat dawn id-danni fis-somma komplessiva ta' £1374. 16. 10, u (2) kkun-

dannat il-konvenut iħallas lill-attur is-somma msemmija ta' £1374. 16. 10; u ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jħallashom il-konvenut;

Dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi fl-ewwel ta' April 1956, f'xi t-3 p.m., x'ħin l-attur kien għaddej fuq il-motor cycle numru 10778, isuq minn Marsaxlokk Road, Żejtun, f'direzzjoni lejn Birżebbuġa, ġie f'kolliżjoni ma' motor cycle ieħor numru 929, li kien misjuq mill-konvenut, li b'konsegwenza tagħha huwa sofra danni. L-attur jimputa r-responsabbiltà għal din il-kolliżjoni lill-konvenut, u kwindi qiegħed jitlob li dan jiġi kundannat li jħallsu kumpens għad-danni sofferti minnu;

Illi l-perit legali, fir-relazzjoni tiegħu, b'konsiderazzjoni tal-provi li nġiebu quddiemu, kompriżi dawk fil-kawża kriminalui (sedi ta' Appell) in re "Il-Pulizija vs. Paul Monreal", deċiża fl-20 ta' Lulju 1956, li għalihom il-kontendenti għamlu riferenza, ikkonkluda li l-konvenut hu responsabbli għall-kolliżjoni li fiha l-attur sofra danni fuq il-persuna tiegħu, kif konstati mill-perizji tat-tobba Professur Sir Luigi Preziosi u Professur Dr. Alfred Craig. Din il-Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni u tadottaha, għar-raġunijiet li ġew sottomessi mill-perit;

Illi, rigward id-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-kolliżjoni, il-perit legali, b'konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, il-grad ta' inkapaċità permanenti fl-attur, . konsegwenti, għall-istess kolliżjoni, fix-xogħol tiegħu partikulari ta' arluġġar u "goldsmith" u ta' filograno, li kien jeżerċita, kif ġie konstatat mill-professuri tobba msemmijin fir-relazzjoni tagħhom, u d-difetti fiżiċi u leżjonijiet li baqa' jirriporta, kif jirriżulta mill-istess perizji u kif ikkonstata wkoll il-Professur Dr. Joseph Mangion, b'mod li l-"life expectancy" tiegħu ġiet ridotta, wasal għall-konklużjoni li l-kumpens li għandu jiġi akkordat lill-attur għandu jkun il-massimu stabbilit mil-liġi, fis-somma ta' £1200. Din il-Qorti taqbel ukoll ma' din il-konklużjoni peritali, u tadottaha, għar-raġunijiet sottomessi mill-perit;

Illi l-perit, però, ma llikwidax id-danni l-oħra sofferti mill-attur, billi, kif huwa ssottometta, għalkemm dawn id-danni ġew imsemmija waqt is-seduti, l-attur naqas f'dak l-istadju li jagħmel il-prova relattiva. Dawn id-danni l-attur għamel il-prova tagħhom quddiem il-Qorti bid-depożizzjoni tiegħu mogħtija fil-25 ta' Novembru 1959, meta speċifika l-ispejjeż minnu nkorsi u l-ħsara li bata, dejjem b'konsegwenza tal-imsemmija kolliżjoni;

Dawn id-danni l-attur jagħmilhom jikkonsistu f' "wrist watch" li kien xtrah . . . . L-attur ikollu wkoll bżonn jagħmel dentiera kompleta fi żmien qasir, li tkun tiswa £25. Għalhekk dawn id-danni u spejjeż jilħqu s-somma ta' £59. 16. 10. Kif ġie verbalizzat fis-seduta tal-25 ta' Novembru 1959. il-konvenut qabel fuq dawn l-ammonti ta' danni u spejjeż kif speċifikahom l-attur;

. . . . . . .

Illi l-attur jissottometti li għandu jiġi wkoll kompensat għat-telf ta' qliegħ li huwa sofra fiż-żmien meta ġrat il-kolliżjoni sa meta ġie fi grad ta' kapaċità parzjali li attwalment għandu għax-xogħol. Il-konvenut jikkontesta din il-pretensjoni tal-attur fuq il-motiv minnu allegat, li dan it-telf jinsab kompriż fis-somma msemmija ta' £1200 likwidata favur l-attur. Is-sottomissjoni tal-attur hi ġustifikata. Skond il-liġi (art. 1088(1) Kap. 23), il-konvenut, bħala responsabbli għall-kolliżjoni, għandu jħallas lill-attur kumpens għat-telf effettiv li l-egħmil tiegħu ġieb direttament lill-attur, għall-ispejjeż li l-attur kellu jagħmel minħabba l-ħsara li ġratlu, għat-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u għat-telf ta' qlegħ li l-attur sejjer ibati l-quddiem minħabba inkapaċità, totali jew parzjali, għal dejjem li ġieblu dak l-egħmil tiegħu;

Minn din id-dispożizzjoni jsegwi li l-liġi tiddistingwi bejn kumpens ta' qliegħ attwali u kumpens ta' qliegħ futur, għall-quddiem. Issa, is-somma fuq imsemmija ta' £1200 ġiet likwidata favur l-attur bħala kumpens għat-telf tiegħu ta' qliegħ għall-quddiem, u kwindi l-attur hu ntitolat għall-kumpens ukoll għat-telf ta' qliegħ attwali, jekk effettivament huwa kellu dan it-telf. Jirriżulta li meta ġara l-inċident l-attur ma kienx impjegat, imma huwa kel-

lu ħanut ta' arluġġar u "goldsmith", fejn kien jaħdem oġġetti ta' filograno u affarijiet oħra għall-knejjes; u skond ma xehed fis-seduta tat-23 ta' Jannar 1958 quddiem il-perit legali, huwa kien jaqla bħala medja £4 fil-ġimgħa. Dan il-qliegħ l-attur ma setgħax jipperċepieh fil-perijodu mill-ewwel ta' April 1956 sat-13 ta' Ġunju 1956, meta kien l-Isptar, u lanqas fil-perijodu minn din l-aħħar data sat-3 ta' Diċembru 1956, meta huwa kien id-dar konvalexxenti, mingħajr assolutament ma jista' jaħdem, kif ġie pruvat. Għalhekk l-attur għandu wkoll jirċievi minn għand il-konvenut, għal dan it-telf ta' qliegħ attwali, kumpens li jiġi likwidat fis-somma ta' £140, ċjoè £4 fil-ġimgħa mill-ewwel ta' April sat-3 ta' Diċembru 1956, billi f'dan il-perijodu hemm 35 ġimgħa. Il-kumpens kollu dovut mill-konvenut lill-attur għad-danni minn dan sofferti in konsegwenza tal-kolliżjoni hu fis-somma kompleassiva ta' £1374. 16. 10, kif ġiet likwidata, ċjoè £34. 16. 10 telf effettiv li l-attur sofra direttament minħabba l-kolliżjoni u l-ispejjeż li huwa kellu jagħmel b'konsegwenza tagħha; £1200 għat-telf ta' qliegħ li l-attur sejjer ibati l-quddiem minħabba l-inkapaċità parzjali tiegħu għal dejjem li ġietu bl-egħmil tal-konvenut; u £140 għat-telf tiegħu ta' qliegħ attwali;

Rat fol. 69 in-nota tal-appell ta' Michael Attard għad-ditta "Michael Attard Limited", rappreżentanti f'Malta tal-"Car and General Insurance Company Limited", u fol. 70 il-petizzjoni ta' dan Attard nomine, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata. fis-sens li tiġi revokata fejn qalet li kien il-konvenut Monreal esklużivament responsabbli għall-kolliżjoni, u konsegwentement jiġi deċiż li anki l-attur Aquilina kkontribwixxa għall-kolliżjoni, u dan f'rata li tiġi stabbilita mill-Qorti: u fis-sens ukoll li tiġi ridotta għal ammont aktar ekwu, li jiġi stabbilit mill-Qorti għat-tenur tal-liġi, is-somma tad-danni likwidati favur l-attur, fis-sentenza appellata; u dan sija jekk jiġi ritenut li l-attur ikkontribwixxa għall-kolliżjoni u sija wkoll jekk il-Qorti ssib li l-konvenut kien unikament responsabbli għal dik il-kolliżjoni; billi tiġi konfermata limitatament għas-somma li tiġi likwidata mill-Qorti u revokata għad-differenza; u talab ukoll li f'kull każ, fil-konfront ta' l-appellant nomine, ċjoè tiegħu. jiġi dikjarat li r-respon-

sabbiltà tiegħu hija limitata għas-somma ta' £1200, kompriżi l-interessi u l-ispejjeż. Bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-appellati, u dawk tal-ewwel istanza in proporzjon tar-rebħ u telf skond dan l-appell;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appellant Attard nomine ġieb il-quddiem dan l-appell bħala terz interessat, in bażi għall-art. 234 tal-Liġijiet Proċedurali (Kap. 15 Ed. Riv.). Ix-xhieda ta' Cassar Parnis, fol. 78, tassoda dan l-interess, inkwantokkè jirriżulta minnha li l-konvenut Monreal kien assikurat mal-kumpannija appellanti b'Act Policy, u r-riskju assikurat huwa dak ta' ndennizz pagabbli legalment "in respect of death or bodily injury to any person". Din il-kumpannija, kif hu ammess fil-petizzjoni tal-appell, ġiet debitament informata bl-azzjoni tal-attur b'ittra uffiċjali tal-ewwel ta' April 1957 għall-finijiet tal-art. 10(2)(a) Kap. 165 Ediz. Riv. Dan il-fatt ikompli jassoda l-interess tal-kumpannija li tinterponi appell taħt l-art. 234 fuq imsemmi; għaliex, bħala effett ta' dik l-intima, is-sentenza ssir operattiva fil-konfront tagħha fit-termini tal-art. 10 fuq ċitat; u għalhekk il-kumpannija, in vista tar-responsabbiltà tagħha, għandha l-interess li, jekk jidhrilha, timpunja s-sentenza;

Ikkunsidrat;

Proċeduralment, hemm żewġ riljevi li jixraq li jsiru. L-ewwel, illi ma hix eżatta d-dikjarazzjoni tal-kumpannija appellanti li hi qegħdha tipprevalixxi ruħha minn nota tal-appell li kien għamel il-konvenut fit-22 ta' Diċembru 1959; għaliex proprjament dak id-dritt li wieħed jipprevalixxi ruħu minn skrittura ta' litigant ieħor hu riżervat għall-parti "avversa", mentri l-kumpannija appellanti għandha l-istess interess tal-konvenut Monreal li għamel in-nota (Kollez. Vol. VI, p. 175). Del resto, il-kumpannija għamlet nota tal-appell tagħha fi żmien utili, u għalhekk ma hemmx bżonn li hi tipprevalixxi ruħha minn dik tal-konvenut Monreal. It-tieni, malament il-konvenut Monreal,

fir-risposta tiegħu fol. 76, jgħid li hu jirrimetti ruħu għall-eċċezzjonijiet sottomessi quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza ("ispsis verbis"). Hu, infatti, għad li ppreżenta n-nota tal-appell fol. 68, mbgħad ma kompliex l-appell; u għalhekk għandu jitqies akkwijexxenti għas-sentenza appellata (App. "Spiteri vs. A.I.Ċ. Vassallo". 2. XII. '57; ara wkoll Kollez. Vol. II, 7; Vol. IV, 240; Vol. V, 46); u per konsegwenza ma jistgħax jiġi mismugħ jeleva l-kontestazzjoni kontenuta fin-nota tal-eċċezzjonijiet fol. 5;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Il-provi juru biċ-ċar li l-kolliżjoni kienet dovuta għall-fatt li l-konvenut tilef kontroll tal-motor cycle li kien qed isuq, minħabba l-veloċità għolja li biha kien għaddej, b'mod li beda jsallab l-hawn u l-hemm sakemm ħabat mal-motor cycle misjuq mill-attur. Jgħid a propożitu x-xhud Martin . . . . ;

Verament, il-pretiża tal-kumpannija appellanti hi li l-attur ikkontribwixxa għall-kolliżjoni, għaliex, kif qed jiġi sottomess, l-attur kellu żmien biex jevita l-kolliżjoni, u ma ħa ebda pass, kif għamel id-driver tal-light car. Dan però, ma hux eżatt. L-attur qala' l-barra . . . . Hu fatt li, kieku l-konvenut kellu, kif kien imissu jkollu kieku ma kienx qed isuq b'dak li-speed, kontroll tal-motor cycle, hu kien jista' jibqa' sejjer liberament għal affarieh, fuq ix-xelluq tiegħu tat-trieq, li hi wiesgħa biżżejjed;

Ikkunsidrat;

Il-kumpannija appellanti ssottomettiet ukoll li s-somma ta' £1200 likwidata mill-Ewwel Qorti, minħabba l-inkapaċità parzjali kaġunata lill-attur bħala effett tal-kolliżjoni, hi eċċessiva, u argumentat li dan il-massimu tal-liġi hu ntiż għall-inkapaċità "totali" permanenti. Din il-Qorti ma taqbelx ma' dan l-argument li jista' talvolta jfisser biss li l-limiti massimu stabbilit mil-liġi jista', f'xi każijiet ta' inkapaċtà totali permanenti, ikun insuffiċjenti. Imma dan ma għandux iġib għall-konsegwenza li, bi gradazzjoni u riduzzjoni ta' dak il-massimu, din l-insuffiċjenza

tolqot ukoll każijiet ta' inkapaċità parzjali permanenti, li jkun ħaqqhom, almenu, il-massimu li hemm fil-liġi. Din il-Qorti, meta tqies l-inkapaċità u d-difetti fiżiċi tant gravi kaġunati lill-attur bil-kolliżjoni, tħoss li s-somma ta' £1200, mogħtija mill-Ewwel Qorti, ma għandhiex tiġi ridotta;

Ikkunsidrat;

Fl-appell tagħha, il-kumpannija fuq imsemmija talbet, "inter alia", li din il-Qorti tiddikjara li r-responsabbiltà tagħha, komprizi nteressi u spejjeż, hi limitata għas-somma ta' £1200. Ma jidherx li din il-Qorti tista', fil-limiti tal-istanza, tagħmel din id-dikjarazzjoni. L-azzjoni hi diretta kontra l-konvenut, u s-sentenza appellata ngħatat fil-konfront tal-konvenut, u l-appell għandu jkun ċirkoskritt għall-istanza u għas-sentenza mpunjata; għaliex altrimenti din il-Qorti tkun qegħdha virtwalment tippronunzja ruħha fuq pont li ma ġiex deċiż in prim'istanza. Del resto, il-pożizzjoni ta' kumpannija tas-sikurtà, li tirċievi l-intima uffiċjali ta' proċeduri kontra persuna minnha assikurata, hi stabbilita u ristretta mil-liġi stess fl-art. 10(1) u 4(1)(v) tal-Kap. 165;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-appellant Attard nomine, bl-ispejjeż kollha ta' din l-istanza kontra tiegħu; dawk tal-ewwel istanza jibqgħu regolati kif kienu.